MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 443/2003

**Kevin Zammit**

**vs**

**Maltapost plc u b’ digriet tat-28 ta’ Settembru 2005 s-socjeta` Lloyds Malta Limited giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta’ Mejju 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn gie premess:-

Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta Maltapost pic. bhala ‘postman’, fis-sezzjoni ta’ Haz- Zebbug.

Illi s-socjeta' konvenuta ordnat lil attur sabiex jitghallem jsuq il-mutur u dana bhala parti mix-xoghol tieghu.

Illi s-socjeta' konvenuta qabdet lil Joe Caruana, impjegat mal-istess socjeta' konvenuta, sabiex jaghti, minkejja li mhux kwalifikat, lezzjonijiet ta' sewqan ta' mutur lil attur u mpjegati ohra tas-socjeta' konvenuta.

Illi l-attur beda jitghallem il-mutur taht id-direzzjoni ta' Joe Caruana u dan skont l-istruzzjonijiet lilu moghtija mis-socjeta` konvenuta.

Illi fit-8 ta' Mejju 2001, f'*parking area* vicin tal-istabbiliment tal-Lowembrau, liema 'parking area' huwa miftuh ghall-pubbliku u li s-socjeta` konvenuta naqqset milli taghlaq ghas-sigurta' tal-attur, fil-kors ta' wahda minn dawn il-lezzjonijiet taht id-direzzjoni ta' Joe Caruana, l-attur waqa' minn fuq il-mutur u garrab disabbilta' permanenti kif dokumentat fic-certifikat mediku anness.

Illi dan l-incident gara minhabba nuqqasijiet, negligenza u traskuragni da parti tas-socjeta' konvenuta, in kwantu naqqset li tiehu dawk il-passi necessarji sabiex tissalvagwardja l-inkolumita' fizika tal-attur waqt ix-xoghol kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta irrendiet ruhha passibli ghad-danni konsegwenzjali ghal dan l-inicdent minhabba nuqqasijiet, negligenza u traskuragni da parti taghha.

Illi ghalkemm debitamet interpellata sabiex tersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi r-responsabbilta' ghall-incident li sehh fil-Marsa, fit-8 ta' Marzu 2001, fejn l-attur safa midrub, hija unikament tas-socjeta' konvenuta Maltapost p.l.c. minhabba nuqqasijiet, negligenza u traskuragni da parti taghha u dan minhabba li naqqset li tiehu dawk il-

prekawzjonijiet mehtiega sabiex tissalvagwardja l-inkolumita' fizika tal-attur waqt ix-xoghol.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat tal-imsemmi incident anke permezz ta' periti nominandi ghal dan l-iskop.

3. Tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas lill-attur, id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li min issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol. 9 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-25 ta' Novembru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 17 ta' Settembru 2003 a fol. 16 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi hi mhix responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur, kif ser jigi ampjament pruvat waqt il-mori ta-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol 16 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti tas-socjeta` konvenuta a fol. 17 sa fol. 20 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2004 il-Qorti

nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Gonzi sabiex tisma’ l-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi flimkien max-xhieda quddiemha prodotta.

Rat ir-rikors tas-socjeta’ Llyods Malta Limited datat 28 ta’ Settembru 2005 a fol. 121 tal-process fejn is-socjeta` rikorrenti talbet li tigi awtorizzata tintervjeni fil-kawza fl-ismijiet premessi *in statu et terminis a tenur* tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u ordnat n-notifika lill-kontro-parti, u d-debitu aggustament fl-okkju, kif jidher mid-digriet moghti fit-28 ta’ Settembru 2005 (fol. 122).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-24 ta’ Jannar 2006 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Charmaine Zammit; u l-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Novembru 2006 fejn Dr. Edward Saliba talab in-nomina ta’ Espert Mediku. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Mr. Carmel Sciberras biex jezamina lill-attur a spejjez provvizorjament attrici.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Mediku Mr. Charles Sciberras ipprezentata fit-18 ta’ Dicembru 2006 u mahlufa fl-14 ta’ Mejju 2007 a fol. 155 tal-process.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta Maltapost p.l.c. datata 15 ta’ Mejju 2007 a fol. 185 tal-process li permezz taghha talbet il-hatra ta’ Periti Addizzjonali; u l-Qorti laqghet it-talba u b’digriet datat 26 ta’ Gunju 2007 innominat bhala Periti Perizjuri lil Mr. Charles Grixti, Mr. Anthony Alfred Bernard u Mr. Frederick Zammit Maempel a spejjez provizorjament tas-socjeta` konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tad-9 ta’ Ottubru 2007 fejn il-Qorti giet infurmata li Mr. Fredrick Zammit Maempel kien diga` ezamina lill-attur ex-parte u ghalhekk il-Qorti nnominat floku lil Mr. Ivan Esposito.

Rat ir-rapport mediku tal-periti perizjuri hekk nominati Mr. Anthony Bernard, Mr Ivan Esposito u Mr Charles Grixti mahtura mill-Qorti, ipprezentat fit-22 ta' April 2008 a fol. 415 *et sequitur* tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet attrici datata 25 ta' Frar 2010 (fol. 424)

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta Maltapost u tas-socjeta` intervenuta fil-kawza Lloyd's Malta Limited datata 26 ta' Mejju 2010 a fol 431 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-3 ta' Frar 2011 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Josette Grech ghall-atturi u Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` konvenuta rapprezentata minn Dr. Aaron Zammit Apap. Dehret ukoll il-Perit Legali Dr. Anna Mallia li halfet ir-rapport. Dr. Josette Grech irrimettiet ruhha ghar-rapport. Dr. Zammit Maempel talab li jipprezenta nota ta' kritika. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet erbghin (40) gurnata mid-data tas-seduta ghal prezentata ta' tali nota bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollha erbghin (40) gurnata biex tirrispondi ghan-nota ta' kritika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2011.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Anna Mallia, flimkien max-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti hemm prezentati, fllimkien mar-rapport li gie pprezentat fit-22 ta' Novembru 2010 u mahluf fis-seduta tat-3 ta' Frar 2011, l-istess rapport jinsab esebit a fol. 518 *et sequitur* tal-process.

Rat in-nota korrettorja guramentata tal-perit legali datata 8 ta' Marzu 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija azzjoni ghad danni minhabba korriment waqt ix-xoghol fejn jirrizulta li l-attur li kien jahdem bhala pustier mas-socjeta’ konvenuta u kellu kondizzjoni fil-kuntratt tieghu li jrid jitghallem il-mutur u wara sitt xhur fl-impjieg tieghu is-socjeta’ Maltapost esigiet li ghandu jmur ghal-lezzjonijiet tal-mutur kif kien jistipula l-kuntratt tax-xoghol tieghu.

Illi sabiex isir dan, is-socjeta’ Maltapost p.l.c. inkarigat wiehed mill-impjegati taghha certu Joseph Caruana li kien ilu jsuq mutur ghal diversi snin u hatritu bhala *instructor* u bi qbil maghha ghazlu l-*parking area* hdejn dik li kienet il-fabbrika tal-Lowenbrau biex isiru dawn il-lezzjonijiet. Joseph Caruana applika u gie licenzjat biex jghallem il-mutur kif jidher minn kopja tal-licenzja (Dok. “M2” - fol 20). Illi jirrizulta li Joseph Caruana qatt ma kien ghamel dan ix-xoghol qabel u skond ir-regolamenti galdarba huwa kellu licenzja ta’ mutur huwa jsostni li kien eligibbli biex jghallem il-mutur.

Illi fit-8 ta’ Mejju 2001 meta kien hawn il-Papa, l-attur mar ghal-lezzjoni u waqt li kien qed isuq ra zewg karozzi gejjin minn faccata tieghu, u r-reazzjoni tieghu sabiex jevita l-istess kien li zied l-ispeed u meta dar biex ma jidhlux fih, dahal fil-pilastru tal-hadid ta’ *trailer* u korra serjament kif muri mic-certifikati medici kollha esebiti. Haduh l-isptar operawh diversi drabi u gie certifikat li kellu dizabilita’ permanenti li iktar il-quddiem ser tigi trattata f’din is-sentenza.

Illi l-attur rega dahal lura ghax-xoghol fl-1 ta’ Ottubru 2002, inghata xoghol fis-*central mailing room* izda jirrizulta li dan kien wiehed ta’ strapazz ghalih u wkoll gie ppruvat li s-socjeta’ konvenuta ma tatux il-permess jew fakolta`

sabiex almenu jidhol bil-karozza gewwa l-*parking area* tal-kumpanija minkejja li huma ma setax jimxi ghal distanzi twal, inkluz dik minn fejn ikun ipparkja l-karozza tieghu u dan proprju minhabba d-disabilita' permanenti li garrab. Jinghad li l-attur gie akkuzat li heba xi ittri u rappresentanti tas-socjeta' konvenuta Maltapost p.lc. qalulu li hemm tnejn minn shabu li ghamlu stqarrija li rawh jaghmel hekk, haga li huwa dejjem innega. Konsegwenza ta' dan, fil-15 ta' Novembru 2002 huwa gie infurmat li l-impjieg tieghu gie terminat. Minhabba dan l-attur jallega li ghadu jirregistra ghax-xoghol u ma jahdimx, ghalkemm skond dak li xehed Adrian Attard mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali huwa xorta wahda ghadu jista' jahdem.

Illi la darba din hija azzjoni ta' danni, huwa l-attur li jehtieglu jipprova l-fatt dannuz, l-imputabilita ta' dan il-fatt ghal min ikun ikkagunalu d-danni u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt. Ghalhekk f'dan l-istadju huwa necessarju li jigi mistharreg jekk l-attur issodisfax dan l-oneru ta' prova impost fuqu u fuq kollox u fl-ewwel lok irnexxilux jipprova konkludentment il-gustifikazzjoni li hu javvanza biex jakkolla l-htija fuq il-konvenut. **("Francis Busuttil vs Sammy Meilaq nomine"** P.A. (PS) - 9 ta' Dicembru 2002).

Illi allura f'dan il-kaz l-attur irid jipprova li s-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghal dan il-fatt dannuz u dan fis-sens li hija kienet negligenti fil-konfront tieghu. Applikat dan il-principju ghall-kaz in ezami jirrizulta li tali negligenza skond l-attur kienet tikkonsisti fil-fatt li hu qed jikkontendi li l-incident sehh minhabba li *l-parking area* fejn huwa kien qed jigi mghallem sabiex isuq il-mutur u fejn allura sehh l-incident mertu tal-kawza odjerna, ma kienetx adegwata biex isiru dawn il-lezzjonijiet u li Joseph Caruana, mpjegat tas-socjeta' konvenuta, u minnha nkarigat sabiex jaghmilha ta' *instructor* ta' l-attur, kien negligenti f'xogholu meta sehh l-incident proprju ghaliex ma assigurax li l-post ikun sigur meta kien qed jghallem lill-attur isuq il-mutur ghall-ewwel darba, u dan proprju wkoll minhabba n-nuqqas ta' esperjenza ta' dan l-impjegat f'dan it-tip ta' ezercizzju, addestrament u xoghol.

Illi l-allegazzjonijiet ta' negligenza maghmula mill-attur huma maghqudin flimkien taht il-principju llum kostanti fil-gurisprudenza nostrali fis-sens li l-principal jew *employer* irid u ghandu d-dover li jipprovdi dik li tissejjah *"a safe system of work".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Vincent Galea et vs Sammy Meilaq nomine"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Gunju 2007) huwa obbligu ta' min ihaddem, bhala ma hija s-socjeta' konvenuta, li tipprovdi *"a safe system of work",* b'dan li huwa obbligu taghha li tippovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji ghas-sahha u l-hajja tal-istess impjegat (**"Carmelo Cini vs Carmel Caccopardo nomine" - N.A. 5 ta' Ottubru 1999);** fil-fatt gie dikjarat fis-sentenza **"Borg vs Wells et nomine" (K. 9 ta' Settembru 1981)** illi *" in planning a system of work, the employer must take into account the fact that the workmen become careless in works involved in their daily work",* u dan tenut kont *"tal-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu…..".*

Illi tenut kont tal-principju stabbilit fis-sentenza **"Joseph Bugeja vs Anthony Falzon" (P.A. 30 ta' April 1997),** reitterata fis-sentenzi **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia *et nomine*"** (Appell. 7 ta' Dicembru 1994) u **"Keith Caruana vs Joseph Paris *et nomine*" (P.A. 12 ta' Frar 1999)** il-Qorti sostniet li huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kondizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol tieghu u l-istess inghad fis-sentenza **"Carmelo Galea vs Albert Mizzi et"** (A.C. - 23 ta' April 2001).

Illi jinghad ukoll li tali kolpa tezisti biss jekk ikun gie pruvat li hemm ness ta' kazwalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza. F'materja ta' danni akwiljani l-principju jibqa dak dettat mill-istess ligi u cioe li hu ritenut in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus paterfamilia **(artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili).**

Illi s-socjeta' konvenuta f'dan il-kaz tghid li hija mhux responsabbli ghal dak li gralu l-attur ghax meta hija

impjegat jew ingaggat lil Joseph Caruana bhala *instructor,* hija impjegat persuna ta' esperjenza, u li l-attur dejjem setgha irrizenja jew halla l-impjieg tieghu mill-Maltapost p.l.c. jekk ma riedx jitghallem il-mutur, u fi kwalunkwe kaz l-incident gara kemm ghax l-attur tilef il-kontrol tal-mutur u ghaliex zewg karozzi saqu fid-direzzjoni tieghu, is-sewwieqa ta' liema qatt ma gew skoperti minn huma u allura f'dan l-isfond is-socjeta' konvenuta qed tibbaza d-difiza taghha fuq tlett principji u cjoe' (a) l-massima ta' *"volenti non fit injuria";* (b) il-massima tal-kawza prossima tal-incident; (c) l-kuncett tat-terz injot.

Illi taht l-ewwel istanza ta' difiza hawn imsemmija jinghad li sabiex din id-difiza ta' *"volenti non fit injuria"* tirnexxi jehtieg li jigi pruvat li kien hemm ftehim, li dan il-ftehim kien volontarju, u li meta sar kull parti kienet taf bis-shih in-natura u l-estent tar-riskju li fih dan il-ftehim. Illi effettivament l-ewwel element tal-volontarjeta jitqajjem dejjem fi kwistjonijiet ta' relazzjonijiet industrjali. Hawn issir referenza ghall-kaz celebri f'din il-materja ta' **"Smith vs Charles Baker & Sons" ((1891)** AC 325 *House of Lords*) li sa mis-sena 1891 rriteniet li "*an employee who complained of unsafe practice but nevertheless continues tow work could not truly be said to have voluntarily agreed to waive their legal rights."*

Illi saret riferenza mill-brava Perit Legali Dr. Anna Mallia, ghal dak li jghid l-awtur Ingliz **Charlesworth** fil-ktieb ***"The Law of Negligence"*** fejn rigward il-principju ta' *"violenti non fit injuria"* kiteb testwalment hekk:-

*"The plaintiff does see a danger created by the negligence of the defendant, but decides to run the risk of it. If after deciding to run it, he does not exercise reasonable care, he is guilty of contributory negligence and may be unable to recover on that ground".*

Illi f'dan is-sens ukoll, esprimiet ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "**Anthony u martu Margaret Turner u Jane u Mary u Liliana ahwa Turner fil-kwalita' taghhom ta' eredi tal-mejta Carmen Turner vs Francis Agius"** (A.C. - 28 ta' Novembru 2003), ghalkemm dan il-

kaz ma kienx wiehed ta’ disabilita’ permanenti kkawzata fuq ix-xoghol.

Illi f’dan il-kaz ghalkemm irrizulta li l-attur kif ukoll l-*instructor* u anke l-pustiera u ex pustiera li telghu jixhdu kollha spjegaw li l-post fejn kien qed jigi mghallem l-attur sabiex isuq il-mutur ma kienx sigur jew *“safe”*, izda l-ordni li kellu l-attur mis-socjeta’ konvenuta kien li jitghallem il-mutur u li jmur jitghallmu propju fil-*parking area* indikata mis-socjeta Maltapost p.l.c. ghalkemm skond Victor Scott, li kien *Human Resources Executive* mas-socjeta’ konvenuta, l-attur qatt ma ilmenta li l-area kienet perikoluza, u tant li jsostni meta xehed f’dawn il-proceduri li kieku kien hemm oggezzjoni minn naha tal-attur huma (is-socjeta’) kienu lesti sabiex jibghatuh jitghallem band’ohra a spejjez tieghu, ghalkemm din l-ahhar twassal ghall isfera ta’ l-ipotetiku ghaliex il-Qorti tinnota li fil-fatt qatt ma grat, u fil-verita’ lanqas kellha tasal sa hawn, aktar u aktar meta kienet is-socjeta’ konvenuta li ddettat kollox u ma jidhirx li f’xi mument hija tat lill-attur xi diskrezzjoni ta’ ghazla li ma jmurx f’dak il-post.

Illi f’dan il-kuntest jingha li l-argument tas-socjeta’ konvenuta huwa wkoll fis-sens li galardaba l-attur kien qed imur ghal lezzjonijiet minn Joseph Caruana huwa gie li accetta bla ebda rizerva l-metodi ta’ taghlim ta’ Joseph Caruana. Mill-provi prodotti u mill-fattispeice tal-kaz din il-Qorti thoss izda li ma tistax taccetta din il-linja ta’ difiza ghaliex sabiex tapplika l-massima in kwistjoni irid jirrizulta kemm li l-attur kien jaf li hemm il-periklu, u wkoll li s-socjeta’ konvenuta tipprova li l-attur espressament (bi stqarrija tieghu) jew implicitament (bl-azzjonijiet tieghu) accetta li ma jzommx lis-socjeta’ konvenuta responsabbli ghall kull haga li tinqala minhabba tali kondizzjonijiet attwalment imposti fuq l-attur, haga li certament ma tirrizultax, u lanqas hija allegata mis-socjeta’ konvenuta. F’dan il-kaz din il-Qorti tirreferi wkoll ghall massima li *“sciens non est volens”* fis-sens li meta ma tkunx taf xi haga ma jfissirx u lanqas tista’ twassal li jinghad li wiehed ikun accetta dan kollu jew li hemm volontarjeta’ f’dak kollu li jigri fis-sens hawn premess; dan ghaliex sabiex tirnexxi d-difiza tas-socjeta’ konvenuta l-kunsens irid ikun liberu u

volontarju u mhux b’xi mod impost jew sfurzat. Kif dejjem gie ritenut *“if the relationship between the claimant and defendant is such that there is doubt as to whether the consent was truly voluntary, such as the relationship between workers and employers, the courts are unlikely to find volenti.”* (***Wikipedia*** *– en.wilkipidia.org/wiki/volenti-non-fit-injuria).*

Illi fil-kaz iehor celebri Ingliz, **“Nettleship vs Weston”** ((1971) ALL ER 581 (Court of Appeal)) meta *instructor* tas-sewqan tal-karozza harrek lil min kien qed jghallem il-karozza talli kkawzatlu danni meta tilfet il-kontroll tal-karozza taghha, id-difiza ta’ *“volenti non fit injuria”* xorta ma nrexxietx ghaliex l-attur kien assigura ruhu li l-karozza tal-istudenta li kien ser jghallimha fuqha kienet tinxurja lilu wkoll. Illi ghalhekk gie ritenut li kien hemm ftehim, li kien volontarju, u li kienu jafu r-riskju x’inhu.

Illi l-Qorti fil-kaz odjern ma taqbilx ma’ dak sottomess mill-konvenuti li kien hemm l-elementi kollha tal-massima *“volenti non fit injuria”* u dan ghaliex anke jekk jigi koncess li r-riskju kien jew setgha kien b’xi mod prevedibbli, (haga li ma kienitx ghaliex ghall-attur din kienet esperjenza gdida ghall kollox u saret biss fuq insistenza tas-socjeta’ konvenuta) certament li ma jistax jinghad li kien hemm l-elementi ta’ volontarjeta minn naha tal-attur u lanqas gie b’xi mod ippruvat li kien hemm ftehim dwar dawn il-lezzjonijiet u ghalhekk il-massima *“volenti non fit injuria”* ma hijiex applikabbli ghall kaz odjern. Fil-fatt l-attur kien impjegat, ipprova ma jmurx ghal-lezzjonijiet izda s-socjeta’ konvenuta irriteniet li dan ma setghax jaghmlu ghaliex din il-kundizzjoni kienet parti mill-kuntratt tax-xoghol tieghu maghha, u kienet effettivament is-socjeta’ Maltapost p.l.c li imponiet u pprovdiet is-sit fejn kellhom u fil-fatt saru l-lezzjonijiet u kienet wkoll l-istess socjeta’ konvenuta li pprovdiet l-*instructor,* li kien novizz f’dan ix-xoghol, bla ma l-istess attur kellhu ghazla ta’ xejn fuq l-istess decizjonijiet, hlief li ovvjament joqghod ghall dak li gie impost fuqhu mis-socjeta’ konvenuta u hawn issir riferenza ghall-dak li nghad fis-sentenza **“Annunziata Caruana vs Odette Camilleri”** (P.A. (DS) – 13 ta’ Frar 2001) fis-sens li *‘fil-kaz prezenti zgur ma jistax*

*jinghad li kien hemm xi ftehim espress* (li l-attur jiehu r-riskju) u *"lanqas….ma kien hemm xi ftehim tacitu biex tassummi l-imsemmi riskju".* Biex ikun hemm dan il-ftehim tacitu jehtieg li jigi ppruvat li l-attur kellhu xjenza pjena tan-natura u estensjoni tar-riskju li kien qieghed jassumi u li jigi ppruvat ukoll li meta assuma ir-riskju, huwa ghamel dan bil-ftehim li r-riskju jaqa' fuqu u mhux fuq haddiehor u dan ghaliex il-massima *"volenti non fit iniuria"* u mhux *"scientia non fit iniuria".* Dan certament ma giex ppruvat f'din il-kawza u ghalhekk din il-linja difensjonali tas-socjeta' konvenuta qed tigi rigettata.

Illi dwar il-kuncetti tal-kawza prossima tal-incident u n-nozzjoni tat-terz injot jirrizulta li wahda tiddependi fuq l-ohra fis-sens kif indikat mill-perit legali fir-relazzjoni taghha, izda fuq kollox dan kollu jiddependi fuq il-konstatazzjoni jekk is-socjeta' konvenuta agixxietx bil-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' *"bonus paterfamilias"* skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili.**

Illi f'dan il-kuntest jinghad li dejjem gie ritenut mill-gurisprudenza nostrali li l-principal jew *employer* huwa responsabbli ghal incident li fih ikorri xi impjegat taghha jekk l-istess ditta jew persuna ma haditx hsieb tassikura l-inkolumita' tal-haddiema taghha stess, billi ppermettiet illi huma jahdmu taht sistema difettuza li setghet tipprovoka u fil-fatt ipprovokat id-disgrazzja in kwistjoni u f'dan is-sens il-Qorti tirreferi ghas-sentenza **"Joseph Magro vs Denis Russell nomine"** (P.A. (GM) - 27 ta' Frar 1964).

Illi fil-kaz in esami biex tigi mputata *"culpa"* lis-socjeta Maltapost p.l.c. irid jigi pruvat mill-attur dak li gie deskritt fis-sentenza fl-ismijiet **"Richard Casha vs Frans Sammut"** (P.A. (PS) 28 ta' April 2003) bhala *"vjolazzjoni ta' dmir jew omissjoni volontarja ta' diligenza bhala konsegwenza ta' liema ma jigux previsti l-konsegwenzi tal-azzjoni jew omissjoni propja u ghalhekk jigi vjolat id-dritt ta' hadiehor minghajr ma wiehed ikun irid jew minghajr ma wiehed jinduna"* .

Illi llum il-gurnata huwa pacifiku li r-regoli li jorbtu lill-imghallem biex ihares lill-haddiema tieghu minn kull korriment jew hsara jghoddu, mhux biss sakemm dawk il-haddiema jkunu jinsabu fil-post tax-xoghol tal-imghallem izda daqstant iehor f'kull post fejn il-haddiema jkunu ntbaghtu jahdmu mill-istess imghallem taghhom (ara per ezempju l-kawza fl-ismijiet **"Mayer Scicluna vs TN Waterproofing Limited"** P.A. (TM) – 20 ta' April 2007) u waqt il-hin ta' dak ix-xoghol **("John Barbara vs Airmalta plc"** P.A. (LFS) – 30 ta' Jannar 2008, konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (VDG) (AJM) (TM) b'sentenza taghha datata 26 ta' Marzu 2010).

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Kevin Mallia vs Alfred Mizzi and Sons (Marketing) Limited"** (P.A. (TM) - 9 ta' Ottubru 2003) inghad li *"min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu."* Tal-istess vena hija s-sentenza **"Joseph Cini vs George Wells et"** (P.A. (NA) - 29 ta' Mejju 2001).

Illi f'dan il-kuntest issir riferenza wkoll ghas-sentenzi **"Victor Cassar et vs HSBC Bank Malta p.l.c"** (P.A. (LFS) – 3 ta' Marzu 2009) u **"Paul Grech vs Carmelo Bugeja et"** (P.A. (LFS) – 9 ta' Ottubru 2006 fejn inghad li:-

*"Id-doveri ta' sid ta' entrapriza biex ihares is-sahha ta' l-impjegati tieghu huma li:-*

*"A. il-haddiema ghandhom jahdmu f'post tax-xoghol li ma jkunx perikoluz that ic-cirkostanzi (safe place of work);*

*B. il-mod kif isir ix-xoghol (bhala sistema) m'ghandhux ikun wiehed perikoluz (safe system of work); hemm erba' elementi li jirrendu a system of work unsafe –*

*a. that the defendant's operations involved a risk of injury which was reasonbly forseeable;*

*b. that there were reasonably practicable means of obviating such risk.*

*c. that the plaintiff's injury was caused by the risk in question.*

*d. that the failure of the defendant to eleminate the risk showed a want of reasonable care of the plaintiff's safety".*

*C. il-fatt li l-mod kif isir ix-xoghol ili stabillit ghal zmien twil ma jfissirx necessarjament li s-sistema hija necessarjament wahda li ma fihiex perikolu;*

*D. il-haddiema jkollhom ghodda lima twassalx ghal-perikolu (safe tools and proper machinery);*

*E. Il-haddiema ghandhom ikunu maghllma tajjeb ghat-tip ta' xoghol li qed jaghmlu (properly skilled workers);*

*F. min ihaddem m'ghandux iqabbad lill haddiema tieghu jaghmlu xoghol li mhux soltu jaghmlu u li ghalih ma kellhomx stharrig; hu importanti wkoll li wiehed jara kemm ilu jahdem dan it-tip ta' xoghol il-haddiem;*

*G. ir-responsabilita' tas-sid tizdied jekk il-haddiem jirrileva xi perikolu involut u s-sid jinjora dan il-fatt;*

*H. il-haddiema ma ghandhomx ikunu traskurati b'mod li jzidu l-perikolu;*

*I. kull minn jimpjega ghandu l-obbligu li jonora l-ligi generali tal-pajjiz'.*

Illi huwa rilevanti f'dan l-istadju, li fil-kuntest tal-obbligu ta' min ihaddem intqal ukoll li:-

*"There are then a number of clearly identifiable factors which the judge will have in mind in deciding whether an employee's claim should be successful – in effect the 'ingredients' of reasonable care"* (***Whincup "Modern Employment Law 6th Edit P. 198***)

Illi L-elementi jew il-fatturi li jelenka dan l-awtur huma s-segwenti:-

*"(1) First and foremost is the question of the likelihood or otherwise of injury. The more likely or probable an accident is, the greater the duty to guard agains tit. But if there is only a remote possibility of danger, the need for precautions is usually much reduced".*

*"(2) The second factor helping us to decide whether an employer took reasonable care is that of the potential seriousness of injury. If a certain process or product could cause a disastrous accident, any reasonable employer would take the greatest possible care to avoid it. Such stringent precautions would still be necessary even though the chances of the accident happening were in fact quite small".*

*"(3) The third 'ingredient' is the obviousness of the danger. Since an employer can only guard against hazards he knows or ought to know about he cannot usually be blamed for injuries caused by hidden or unexpected dangers. But on the other hand he might be held liable if a proper research, training or information-flow system would have revealed the risks in question".*

*"(4) The fourth factor is the cost of safety. Essentially the law's task is to balance out society's desire for profit and the individual worker's demand for safety and welfare. It rarely resolves a safety problem by forbidding work to be carried on at all or by requiring precautions so expensive as to drive the employer out of business – though such a conclusion may possibly be reached if the danger is extreme and there is no other way of avoiding it".*

*"(5) Lastly we should recognize the inherent risk factor. All kinds of work involve varying degrees of risk about which little or nothing can be done. This is well recognised in the context of mining, steeplejacking, oil ring work and the like, but the point is equally true of much more humdrum jobs".*

Illi ghalhekk applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-Perit Legali Dr. Anna Mallia li fil-kaz in ezami dawn il-fatturi kollha jissussistu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Maltapost p.l.c. u dan jirrizulta mis-segwenti provi:-

(a) Illi dak li huwa l-element ta' *"likelihood of injury"* ix-xhieda tal-attur u kontro ezamijiet tieghu, u ta' shabu stess hija fis-sens li fil-*parking area* in kwistjoni fejn sehh l-incident dejjem kien hemm il-periklu tal-karozzi li jipparkjaw, zwiemel u ohrajn li gielu dahlu u hargu minn din il-*parking area* sabiex jghaddu minn triq ghal ohra.

Illi hemm ukoll ix-xhieda ta' Joseph Caruana (fol. 46 et sequitur) fejn dan adirittura jammetti li fl-*area* gieli kienu jipparkjaw kontejners u t-trejlers mal-hitan u li dakinhar kien hemm traffiku izjed mis-soltu u z-zewg karozzi fettlilhom jghaddu kontra l-*"one way".* Huwa kkonsidra li meta l-attur ra z-zewg karozzi huma ma nkwetax ghax ghalih l-attur kien jaf isuq! Xehed li l-area ma setax jaghlaqha jew jissigillaha waqt il-lezzjonijiet ghax hija *area* pubblika. Anne Marie Formosa xehdet fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2007 u tghid li meta kienu jmorru ghal-lezzjoni l-karozzi kienu jkunu l-hin kollu ghaddejjin u li lanqas *"cones"* ma kienu jitpoggew. Illi Bianchi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2007 ukoll xehdet li kienu jghaddu l-karozzi meta kienu jittrenjaw f'dik il-lokalita'.

(b) Dwar l-element ta' *"seriousness of injury"* mill-provi jirrizulta li f'dik l-*area* tista tghid li kien hemm kull tip ta' attivita u minkejja li Joseph Caruana kien ipprova skond huwa jistablixxi l-area li hija lanqas ta' riskju, s-socjeta Maltapost setghet facilment tanticipa li f'dik l-area kieku jigri incident dan kien ser ikollu (kif fil-fatt kellhu) konsegwenzi serji jew mhux adiruttura fatali. Dan ghaliex hawn qed nittrattaw dwar kaz ta' persuni li ghadhom qed jitghallmu isuqu mutur u mhux sewwieqa ta' esperjenza ta' mutur (ghalkemm xorta wahda jirrizulta li f'dan il-kaz il-post lanqas hanwn ma kien sigur), u tenut kont l-area fejn kienu jsiru l-lezzjonijiet, Joseph Caruana ma setgha qatt jitlaq minn taht ghajnejh l-istudenti kif ghamel dakinhar tal-

incident u kif kien jaghmel meta skond hu, l-istudent ikun sab il-bilanc biex isuq il-mutur.

Illi huwa ghalkemm skond ix-xhieda ta’ Massielle Shead (fol. 135) Joseph Caruana kien ikun mal-istudenti l-hin kollu izda sfortunatament ghat-tezi tas-socjeta’ konvenuta dan huwa kontradett minn Joseph Caruana stess li sostna li kien fil-kaz in kwistjoni wara kontejner u lanqas biss kien jaf kif l-attur spicca faccata taht *trailer.* Dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta’ Anne Marie Formosa u Bianchi fis-sens li kif Joseph Caruana kien jarahom li akkwistaw il-bilanc huwa kien adiriturra jafdhom wahedhom u joqghod iparla.

(c) Illi ghal dak li huwa l-element ta’ “*obviousness of danger”* l-imsemmi Joseph Caruana (fol. 46 et) xehed *a propositu* li meta huwa jkun jista` jara certu perikolu jew taqbad ix-xita jew jigi xi hadd biz-zwiemel joqghodu jduru biz-zwiemel u l-istudenti ma jkunux ta’ certu *‘x’jismu’,* huwa kien jghid lill-istudenti biex izarmaw u jkomplu darba ohra. Jghid ukoll li ma jiftakarx kienx juza *“cones”* biex jaghlaq il-parti tat-tahrig. Anne Marie Formosa minn naha l-ohra hija konsistenti fuq dan tant li fis-seduta tat-23 ta’ Marzu 2007 xehdet li meta jkunu ghal-lezzjoni l-karozzi kienu jkunu l-hin kollu ghaddejjin u li *“cones”* ma kienx hemm.

(d) Illi dwar l-element ta’ *“cost of safety”* jinghad li s-socjeta’ kobvenuta deherilha li kien bizzejjed li tipprovdi *crash helmet* u *instructor* bhala wiehed mill-impjegati taghha li kellu esperjenza fis-sewqan tal-mutur. Kif xehed Joseph Fenech, *manager driver testing unit* mal-ADT fis-seduta 11 ta’ Dicembru 2007), fil-parkegg ma kienx hemm post allokat fejn isiru l-lezzjonijiet tal-mutur u suppost li japplikaw ghal learner’s permit u japplika fuq min qed jitghallem u fuq min jghallem jidhru t-tnejn, haga li ma jidhirx li saret f’dan il-kaz. Illi l-istess Joseph Fenech xehed ukoll li mir-records taghhhom jirrizulta li l-applikazzjoni saret f’isem Kevin Zammit u bhala *instructor* kien indikat *“xi hadd”* ghaliex ix-xhud ma kienx jaf min hu u l-permess hareg sabiex isiru l-lezzjonijiet fi kwalunkwe post *(“anywhere”)* u mhux f’post partikolari.

Illi Joseph Fenech rega' xehed fis-seduta tal-5 ta' Frar 2008 u pproduca l-*learning permit* ta' Kevin Zammit (Dok "JF1" - fol 276) u din id-darba sostna li ma jafx min ghamel din l-applikazzjoni u li fil-*learning permit* ma hemmx indikat il-post fejn ghandu jsir it-taghlim tas-sewqan.

Illi din il-Qorti tinnota li fil-kaxxa "*Dettalji tal-Motoring School"* dahlu l-kliem *"Maltapost (Joseph Caruana 434264(M)"* u ghalhekk dan iwassal ghall konkluzzzjoni logika li ghalhekk is-socjeta' Maltapost p.l.c. assumiet ir-responsabbilta' fuqha bhala ta' *motoring school* minkejja li certament li dan mhux wahda mill-ghanijiet ghaliex giet imwaqqfa l-istess socjeta'.

Illi ma hemm ebda dubju mid-Dok. "JF 1" li ghalkemm dan hareg qabel l-incident u cioe' fis-26 ta' Marzu 2001 izda jidher ukoll li skond tali permess kien japplika biss sabiex bih *"L-applikant huwa awtorizzat biex jitghallem isuq vettura that Kategorija A1 skond il-kundizzjonijiet tar-Regolamenti Godda tas-sena 2002 dwar il-Licenzji tas-Sewqan",* haga li ma taghmilx sens ghax dawn ir-regolamenti ma kienux ghadhom gew fis-sehh fis-sena 2001. Bhal ma jinghad ukoll li fis-sena 2001 Malta ma kienetx ghadha dahlet fiz-zona tal-Euro u ghalhekk ma jistghax ikun li d-dritt allegatament imhallas kien ta' €23.29 (LM10.00) u fil-fatt Malta ssiehbet bhala membru tal-fl-Unjoni Ewropea fis-sena 2004 u dahlet il-munita Euro fis-sena 2008).

Illi jinghad ukoll li s-socjeta' Maltapost p.l.c. lanqas setghet tassumi l-inkarigu ta' *"motoring school"* ghaliex dan ma kienx wiehed mill-inkarigi moghtija lilha bl-istatut taghha u ma dan jizdied jinghad li Joseph Caruana ma kellux esperjenza ta' *instructor* izda biss ta' sewwieq ta' mutur u ghalhekk ma jistghax jinghad li l-Maltapost p.l.c. ghazlet persuna idoneja ghal dan ix-xoghol tali persuna ma kellhiex l-esperjenza necessarja sabiex tghallem lill terzi jsuqu mutur. Kif qalet il-Perit Legali *"hemm differenza fl-umli fehma tal-perit legali, bejn issuq mutur u tghallem issuq mutur".* Dan irrendi id-Dok. "JF1" dokument mhux

affidabbli u li fl-ahjar ipotesi ma jistax jinghad li l-attur kellu l-permess mehtieg biex huwa jista jitghallem il-mutur, u cioe' lanqas kellhu il-*"Learner's Permit"*.

Illi dwar id-Dok. "M2" (fol 20) konsistenti fil-licenzja ta' Joseph Caruana biex jaghti l-lezzjonijiet, il-Perit Legali osservat li l-permess li inghata huwa fuq *"old license number 12790"* mentri l-licenza ghandha numru 434264M, u ghalhekk hija korretta bhawn ukoll il-perit legali meta kkonkludiet li *"ma nistghax tghid li dan hu l-istess dokument".*

Illi barra minn dan skond il-*Motor Vehicle Regulations* ta' dak iz-zmien tal-incident **(Avviz Legali 128 tal-1994),** li l-licenzja ta' *learner* f'paragrafu 37 tghid car u tond li din hija valida ghal xahar; li l-*"learner"* ghandu jkun indukrat minn sewwieq bil-licenzja; dan id-*driver* ghandu joqghod ma genb min ikollu l-licenza u ghandu jqieghed fil-faccata u fid-dar tal-vettura pjanca bl-ittra "L" mizbugha fuqha. L-**artikolu 41** jghid li l-vetturi ghal l-iskop ta' taghlim iridu jkunu awtorizzati **(regolament 37** annes mar-relazzjoni tal-perit legali). Mill-atti processwali u mill-provi prodotti jirrizulta car li s-socjeta' konvenuta Maltapost p.l.c. ma osservatx dawn ir-regolamenti.

(e) Illi dwar l-element ta' *"inherent risk factor"* jinghad li x-xoghol tal-attur bhala tali ma kellux dan ir-riskju; izda l-area fejn ghazlet is-socjeta' konvenutas li ghandhom isiru l-lezzjonijiet, in-nuqqas ta' esperjenza ta' Joseph Caruana fit-taghlim tal-mutur li kellhom dan il-fattur ta' riskju, u d-decizjonijiet kollha li inhadu f'dan ir-rigward mis-socjeta' konvenuta.

Illi hawn huwa relevanti dak li inghad minn **Michael Whincup** fil-ktieb **Modern Employment Law** (Sixth Edition 1990) fis-sens li huwa obbligu ta' min ihaddem *"to select suitably qualified people to do his work, to provide training where necessary and in particular to ensure that those in charge have the knowledge and ability to see that the work is done safely"* (pag. 209).

Illi f'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta Maltapost p.l.c. ingaggat persuna bla esperjenza bhala *instructor* tal-muturi, ghazlet sit ta' parkegg li kien dak iz-zmien ukoll mimli b'attivita ta' *parking*, zwiemel, u karozzi u l-*"instructor"* maghzul halla lill-attur isuq minghajr ebda supervizjoni ta' xejn.

Illi aktar tard l-istess awtur jelenka li dak li jsejhilhom "*Four Safety Principles"* li jridu jigu segwiti minn min ihaddem u dawn huma (pagna 223):-

*"(i) the employer must ensure that the employee knows the dangers;*

*(ii) the employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers;*

*(iii) the employer must ensure that the precautions are avialble;*

*(iv) the employer must ensure that the employee knows the precautions are available".*

Illi f'dan il-kaz dawn l-erba principji ma gewx segwiti u xejn ma sar biex il-haddiem ikun maghraf x'ghandu jaghmel f'kaz li tinholoq problema. Joseph Caruana stess jammetti li hekk kif jara li l-haddiem gab il-bilanc fuq il-mutur kien jitilqu wahdu; jammetti wkoll li xejn ma sar biex jassigura ruhu li l-area tkun maghluqa meta jsiru l-lezzjonijiet.

Illi fil-kawza **"Graham Slack et vs Elektra Limited"** (P.A. (RCP) - 20 ta' Frar 2003) gie osservat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu. F'dan il-kaz, Joseph Caruana seta` jipprevedi li dakinhar kienet ser tkun gurnata traffikuza ghal Malta b'diversi bnadi maghluqin ghat-traffiku minhabba z-zjara tal-Papa u ghalhekk kien messu ha prekawzjonijiet aktar mis-soltu sabiex l-area tibqa jew tkun sigura ghal haddiema shabu li marru ghal-lezzjoni; izda minflok halla lill-attur wahdu, u baqa' jparla u

qaghad f'post wara l-kontejner minn fejn lanqas biss seta` jissorvelja jew b'xi mod jiehu hsieb jew jindokkra lill-attur. F'dan il-kuntest jinghad ukoll li kien gie ritenut fis-sentenza **"Armando Caruana vs Filomenu Pace"** (P.A. (LFS) – 19 ta' Gunju 2007) u **"Bugeja vs Montanaro Gauci"** – A.C. – 14 ta' Mejju 2004 li *"huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabilita' li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita' ta' infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonnoxxut bhal dmir tal-employer li jipprovdi "a safe system of work".* L-istess principju nsibuh fil-kawza **"Gauci vs Korporazzjoni Enemalta"** fis-sens li *"li qabel ma jinbaghat haddiem jahdem fuq sit, minn ihaddem ghandu obbligu "li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara minn qabel li l-post u l-ambjent fejn qed issir ix-xoghol huwa wiehed safe".*

Illi s-socjeta' konvenuta tikkontendi wkoll li l-kawza tal-incident kienu dawk iz-zewg sewwieqa li dahlu fil-*parking area* u ghalhekk *se mai* dawn it-terzi injoti kellhom jinzammu huma *responsabbli*.

Illi din il-Qorti pero' ma taqbilx ma` dan u dana stante li hi tal-fehma li l-attur ta prova li kienet is-socjeta' konvenuta li kienet responsabbli ghall-istess incident u dan ghar-ragunijiet kollha gja hawn elenkati f'din is-sentenza li ppruvaw li *"non solo l'atto o l'omissione colposa del denunziato ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiduizio sofferto dall'istanti"* u dan dejjem b'riferiment ghall-atti kommessi mis-socjeta' konvenuta fir-rigward ta' l-attur (**"Giovanni Sare' vs Carmelo Farrugia et"** - A.C. - 6 ta' Frar 1928).

Illi hawn issir ukoll riferenza ghas-sentenza **"Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Dicembru 2002) fejn il-kuncett ta' *culpa in eligendo* konformament mal-gurisprudenza nostrali gie applikat mhux biss ghall-mument meta l-istess persuna tigi ngaggata, izda estiz wkoll sabiex jikkomprendi l-kuncett li l-persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik

il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha, tkun ghamlet ix-xoghol b'negligenza u nuqqas ta' hila skond id-disposizzjonijiet fuq citati u l-**artikolu 1037 tal-Kap 16.**

Illi fil-fatt kif inghad kien l-obbligu tas-socjeta' konvenuta Maltapost p.l.c. li tipprovdi *"a safe system of work"* **("Carmelo Micallef et vs John Pisani et nomine"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001) jew ahjar f'dan il-kaz *"a safe system of schooling"* li kienet parti mix-xoghol tal-attur u kien jidher car ghal min ihaddem li tali lezzjonijiet kellhom *"likelihood"* jew anke l-probabilita' li jistghu jwasslu ghal incident u li dan l-incident, meta jsehh, kien ser ikun jew seta` jkun wiehed serju u li ghalhekk l-*employer* kellu jiehu prekawzjonijiet stringenti biex ihares kontra xi incident ta' dik in-natura **("Francis Gauci vs Jimmy Bugeja"** - A.C. - 27 ta' Novembru 2009) kif ukoll li l-mezzi ta' tharis minn xi incident ghal min ghadu qed jitghallem kellhom ikunu stringenti. **("Grezzju Scicluna et vs C. Cini & Sons Limited"** A.C. - 27 ta' Gunju 2006) u ghalhekk gie ppruvat li l-incident in kwistjoni gara mhux b'xi nuqqas ta' diligenza u attenzjoni da parti tal-attur izda b'nuqqas ta' diligenza u attenzjoni da parti ta' min ihaddem, f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta Maltapost p.l.c.

Illi hawn jinghad li d-difiza tas-socjeta' konvenuta li l-kawza prossima tal-incident kienet is-sewqan taz-zewg vetturi li dahlu fil-*parking area* u s-sottomissjoni li *se mai* kellhom jitharrku dawn iz-zewg sewwieqa ghad-danni (ghalkemm mhux maghrufa ghax harbu mill-post tal-incident) setghet tapplika biss kieku l-attur ma ppruvax li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli tal-incident *de quo* u li hija fil-fatt giet ippruvata li ghandha terfa r-responsabbilta` kollha ghall-incident mertu tal-kawza odjerna. Jigi rilevat li *"il-persuni ddikjarati responsabbli mil-ligi huma tenuti hekk mhux minhabba l-htija ta' min ikkometta l-fatti imma minhabba l-htija taghhom proprja, billi ma mpedewx il-fatt u jirrispondu appuntu ghaliex ttraskuraw id-doveri taghhom."* (**"Pasquale Zerafa vs Carmelo Gauci"** P.A. - 14 ta' Dicembru 1955). F'dan ir-rigard issir riferenza wkoll ghas-sentenzi **"Dr. Louis Bianchi nomine vs Richard Zahra"** (P.A. (AJM) – 4 ta'

Ottubru 1996) u **"Victor Camilleri proprio et nomine vs Nazzareno Calleja et"** (A.C. – 9 ta' Dicembru 1968), fejn la darba s-socjeta' konvenuta jirrizulta li kienet negligenti sew fl-operat taghha, hija ma tistax titfa' l-htija fuq terzi injoti, u ghahekk l-istess socjeta' konvenuta dejjem tibqa' responsabbli verso l-attur.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti s-socjeta' konvenuta Maltapost p.l.c. hija responsabbli ghall-incident tal-attur peress li naqset li tipprovdi nies imharrga biex jaghmlu, jikkonducu u jsegwu x-xoghol ta' *instructor* ta' lezzjonijiet tal-mutur, naqset li tipprovdi l-licenzji relattivi biex tirrendi lil Maltapost p.l.c *"a learning school",* u fil-fatt is-socjeta' konvenuta qatt ma kellha l-mezzi u l-istaff adegwat sabiex taghmel l-istess xoghol; u dan apparti li hemm bhala minimu dubju kemm verament  l-istess socjeta' hadhet hsieb li tinhareg lill-attur *"a learner's permit"*; jinghad ukoll li  ma kienx hemm *learning plate* fuq il-mutur; li s-socjeta' konvenuta  naqset li tipprovdi l-prekawzjonijiet kollha biex ma jidhlux karozzi meta jkun hemm il-lezzjonijiet; u naqset anke tramite l-impjgati taghha li tqis il-probabilita` u l-gravita` tal-incident u per konsegwenza naqset li tiehu il-passi preventivi sabiex jigu evitati incidenti ta' din ix-xorta u dan anke fil-kuntest tal-post maghzul sabiex isir tali tahrig, u wkoll u mhux lanqas il-mod kif sar b'dan li l-principji fuq imsemmija dwar *'a safe system of work"* u ambjent fejn isir ix-xoghol li dan ma ghandux ikun ta' perikolu ghall-haddiem ma gew bl-ebda mod osservati u ghalhekk is-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghall-incident li kkawza d-danni lill-attur, u allura l-ewwel talba attrici qed tigi milqugha.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni li jisthoqqlu jigbor l-attur, huwa qieghed jippretendi kemm kumpens ghal infieq maghmul minnu minhabba l-incident *(damnum emergens)* u kif ukoll kumpens ghal telf ta' qligh ghall-gejjieni *(lucrum cessans).*

Illi ghal dak li huwa *dammun emergens* l-attur issottometta biss rapport ta' Mr. F. X. Darmanin u l-membership tal-gym u ma saret ebda prova dwar zjajar medici ohra u nfiq ta; medicini. Dwar l-ammont ta' Lm450 bhala

*"membership fee"* tal-gym ghas-snin Mejju 2002 u Novembru 2007 il-Qorti taddotta u taghmel taghha l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali fir-rigward u thoss li ghalihom ma ghandhiex tirrispondi s-socjeta' konvenuta, Ghalhekk jibqa' biss li l-attur ghandu jithallas is-somma ta' €116.47 ekwivalenti ghal Lm50 in vista tar-rapport ta' F.X. Darmanin fuq indikat.

Illi dwar *lucrum cessans* l-**artikolu 1045 tal-Kap 16** jiddisponi li:-

*"(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skon did-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali u t-telf ta' qaligh li tbati 'l quddiem minhabba l-inkapacita ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta jgib".*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara".*

Illi l-attur jikkontendi li  l-*age multiplier* huwa ta' erbghin (40) sena filwaqt li l-konvenuti jikkontendu li dan ghandu jkun ta' sitta u tletin (36) sena u f'dan is-sens jinghad li skond il-gurisprudenza prevalenti il-*multiplier* uzat ma jiehux in konsiderazzjoni l-aspettativa tal-hajja lavorattiva fit-totalita' taghha (**"John Ransley vs Edward Restall et"** – P.A. (LFS) 10 ta' Mejju 2005); izda li jittiehed kont tal-eta' u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja jittiehdu numru ta' snin u f'dan il-kaz il-*multiplier* huwa normalment anqas mill-aspettativa tal-hajja lavorattiva **("Annunziata Caruana vs Odette Camilleri"** A.C. -  27 ta' Frar 2004); **"Guzeppi Agius et vs Tarcisio Fenech"** – A.C. – 29 ta' Ottubru 2003) u f'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza **"Taddeo Attard et vs Raymond Xerri et"** (P.A. (LFS) - 13 ta' Lulju 20090 fejn giet uzata tabella li skond hi meta l-vittma tkun ta' 20 sena l-*multiplier* ghandu jkun ta' 37 sena .

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-eta` tal-pensjoni tal-attur hija ta' 65 sena, u huwa ma huwiex impedut milli jaghmel xoghol iehor ghalkemm mhux ta' strapazz u ghalhekk f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li l- *multiplier* adoperat ghandu jkun ta' 37 sena li huwa wiehed ekwu ghal- kaz in ezami.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*, jibda biex jinghad li dakinhar li sehh l-incident, l-attur kellu ghoxrin (20) sena u l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-moltiplicand tenut kont taz-ziedet minhabba gholi tal-hajja u nflazzjoni matul is-snin li gejjin **("Alexandra Saliba Sammut vs Joseph Attard"** P.A. - 25 ta' Jannar 2001).

Illi jirrizulta mill-provi li l-attur kellu paga ta' Lm4,042 li hija ekwivalenti ghal €9,415.33c fis-sena gross u meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li fil-kalkolu tal-introjtu tal-attur ghandu jigi wkoll konsidrat il-potenzjal ta' avvanz li l-attur kellu fil-karriera tieghu fl-istat tieghu **("Scicluna Grezzju vs C Cini & Sons Limited"** – citata aktar il-fuq), fejn inghad li *"l-Income Tax li seta hallas id-decujus, ossia d-danneggjat, hija affari ta' bejnu u bejn il-Gvern li fiha l-obbligat ma jidholx"* **("Muscat vs Schembri"** - P.A. - 27 ta' Jannar 1972) u li kif inghad fil-kawza **"Micallef vs Cassar"** (K - 10 ta' Mejju 1982) intqal li l-kontribuzzjonijiet li seta` ghamel id-danneggjat ghan-*National Insurance* m'ghandhomx jitnaqqsu mill-paga tieghu, b'dan li allura *"m'ghandux jsir ebda deduzzjoni ta' PAYE jew ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Nazzjonali mill-ammont likwidat favur il-parti leza."* **("Caruana vs Farrugia"** deciza fit-23 ta' Novembru 1983) din il-Qorti thoss li l-ammont ta' €13,419.52c. li fuqu mxiet il-perit legali huwa wiehed sew ghall- kaz in ezami

Illi dwar il-grad ta' dizabilita' permanenti sofferta mill-attur jirrizulta li r-rapport tal-periti perizjuri wasal ghall-grad ta' dizabilita' ta' 35% u dwar dan is-socjeta' konvenuta u l-intervenuti fil-kawza jidher li rremettew ruhhom u ghalhekk din il-Qorti stante li din hija ta' natura strettament medika u specjalizzata thoss li ghandha taddotta l-istess persentagg.

Illi dwar dak li huwa kkunsidrat bhala *"lump sum payment"* din il-Qorti sejra timxi fuq l-iskorta ta' dak li gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **"Maria Dolores Celeste vs Nicola Anne De Bono"** (P.A. (RCP) – 30 ta' April 2008) fejn inghad li *"ghal dak li huwa maghruf bhala lump sum payment hemm is-sentenza **"Maria Debono vs Andrew Vaswani"** (P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003) fejn inghad li:-*

*"Kif gja gie manifest supra hi gurisprudenza pacifika ("**Joseph Abela –vs- Martin Spagnol**", Prim'Awla, Qorti Civili, 30 ta' Marzu 1993, fost bosta ohrajn) li ghandu jsir tnaqqis mill-percentagg (20%) biex jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji. Dan huwa motivat ukoll mill-fatt li ma hux sallum possibbli li jigi degretat l-hlas ta' imghax mid-data li giet ikkagunta l-hsara (Vide **"Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri",** Prim'Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta' Ottubru 1993). Fuq l-istregwa ta' din id-decizjoni il-persentagg ta' 20% ghall lump sum payment beda jigi ridott b'rata ta' tnejn fil-mija (2%) kull sena mid-data ta' l-incident sakemm tigi finalment deciza l-kawza".* (Ara wkoll **"Concetta Brooks vs Emanuela Sare'** (P.A. – 12 ta' Gunju 1956 – Vol. XL.ii.31).

Illi ghalhekk jirrizulta li ghaddew ghaxar (10) snin minn meta sehh l-incident u b'riferenza ghas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agostino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) la darba dan huwa l-kaz ma ghandu jkun hemm ebda tnaqqis ghal *"lump sum payment"* tenut kont li ghaddew 10 snin mid-data ta' l-incident sad-data ta' din is-sentenza u dan iktar u iktar japplika meta f'dan il-kaz id-dannegant ma kellux ebda htija fid-dewmien tal-kawza, u ghalhekk m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction* kif deciz fis-sentenza **"Giuseppe Agius et vs Tarcisio Fenech"** (A.C. - 29 ta' Ottubru 2003).

Illi din il-Qorti mill-bqija taqbel ma` dak sottomess mill-brava Perit Legali li mis-somma li eventwalment tigi likwidata ghandu jitnaqqas xi dhul li kellu l-attur bhala *“disability pension”* u dan inkwantu dak li gie ritenut fis-sentenza **“Godfrey Buhagiar vs Malta Shipbuilding Company Limited”** (A.C. - 25 ta’ Frar 2005) fis-sens li dan il-pagament isir indipendentement minn kull hlas li jista` jkun dovut taht l-hekk imsejha *“employers liability”* li ma jkunx pagament li jkun sar in sodisfazzjoni tar-responsabilita’ ta’ l-*employer* ghall-akkadut.

Illi ghalhekk is-somma li trid tithallas lill-attur hija:-

€13,419.52 (Lm5,761) x 37 li jwassal ghal €496,522.24 li ghalih japplika l-grad ta’ disabilita’ ta’ 35% li jwassal ghall €173,782,78 (ekwivalenti ghal Lm74,604.95), li minnhom ma ghandu jsir ebda tnaqqis. Ma’ dan ghandha tizdied is-somma ta’ €116.47c li jwassal ghas-somma ta’ €173,899.25 (ekwivalenti ghal Lm74,654.95).

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, **tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara illi r-responsabbilta’ ghall-incident li sehh fil-Marsa, fit-8 ta’ Marzu 2001, fejn l-attur safa midrub, hija unikament tas-socjeta’ konvenuta Maltapost plc. minhabba nuqqasijiet, negligenza u traskuragni da parti taghha u dan minhabba li naqset li tiehu dawk il-prekawzjonijiet mehtiega sabiex tissalvagwardja l-inkolumita’ fizika tal-attur waqt ix-xoghol.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’rizultat tal-imsemmi incident fl-ammont ta’ mija u tlieta u sebghin elf, tmien mija u disa’ u disghin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€173,899.25) ekwivalenti ghal erbgha u sebghin elf sitt mija u erbgha u hamsin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm74,654.95).

3. Tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas lill-attur, id-danni hekk likwidati fl-ammont ta’ mija u tlieta u sebghin elf, tmien mija u disa’ u disghin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€173,899.25) ekwivalenti ghal erbgha u sebghin elf sitt mija u erbgha u hamsin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm74,654.95).
Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta b’dan li s-socjeta’ intervenuta fil-kawza ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------